Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 250 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga

Illum 14 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga detenur tal-karta tal-passaport tan-Niger numru 09PC33296 akkuzat quddiem il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Lulju, 2015 u fil-gimghat ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Miriam Rodriguez Quintero, detentrici tal-Karta tal-identita` numru 70900A.
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, approprija ruhhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna / i ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir

uzu minnha specifikat, s-somma ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Miriam Rodriguez Quintero, detentrici tal-Karta tal-identita` numru 70900A.
Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 532 A, 532 B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Mejju, 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 293, 294, 308, 309, 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u ikkundannatu ghal 30 xahar prigunerija.

Il-Qorti cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-hlas ta' danni mill-imputat lill-parte leza tenut kont tal-fatt li bil-konferma taghha stess dawk il-flejjes kienu intizi sabiex jigu falsifikati flejjes ta' munita Ewro.

Inoltre` b' applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' € 485.69.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifesti u fis-semplicita tieghu jikkonsisti f' dan li gej:

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. **Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u l-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant;**

Illi l-appellant kien jinsab akkuzat kemm b'akkuzi relatati ma' frodi kif ukoll ma' reati relatati ma' appropazzjoni indebita.

Illi l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha meta sabitu hati tal-imputazzjonjiet migjuba fil-konfront tieghu.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni fost l-ohrajn ressqet lill-allegat vittma tixhed u tispjega x'gara dakinhar tal-incident u xhieda ohra.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*. Illi l-appellant jirrileva illi kien hemm kunflitt ta' provi mhux biss bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' bejn ir-rapport u l-verzjoni moghtija mill-parti leza izda sahansitra kien hemm kunflitt ta' provi qawwi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-istqarrijiet moghtija *a tempo vergine* mill-akkuzati.

Illi jigi rilevat illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif

jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil- kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-proceddiment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

**<u>L-Ewwel Akkuza</u>**

Illi l-ewwel akkuza illi jinsab akkuzat biha l-appellant tirreferi ghar-reati kontemplati taht l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikoli imsemmija testwalment jipprovdu hekk:

*308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti*

*immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*

*309. Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*

*310. (1) Fil-każijiet imsemmija f'dan is-sub-titolu –*

*(a) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin;*
*(b) meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin:*
*Iżda jekk il-piena stabbilita għar-reat relevanti flartikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu tkun ogħla mill-piena stabbilita f'dan il-paragrafu, għandha tapplika l-piena l-ewwel imsemmija miżjuda bi grad u fil-każ tar-reat taħt l-artikolu 294, il-piena hekk miżjuda ma tingħatax fil-minimu tagħha;*
*(ċ) meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn ħames mitt euro (€500), il-piena tkun ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn sitt xhur.*

*(2) Id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1)(ċ) ma tgħoddx fil-każ ta' delitti msemmija fl-artikoli 296 u 298.*

Illi l-appellant ghalhekk fl-ewwel lok huwa akkuzati bir-reat ta' frodi komunement maghruf bhala 'r-reat ta' truffa' w dan ghad-dannu ta' Miriam Rodriguez Quintero. Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji w hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steliolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-Kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz.

Il-ligi taghna tittratta fuq il-frodi fis-Sub-titolu III tat-Titlu IX, tat-Tieni Taqsima, tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali liema disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 tal-Artikolu 430 tal-Kodici Delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici tad-Due Sicilie, it-truffa kien isejhilha Frodi – del resto anke illum dan id-delitt fil-Kodici taghna hu indikat bhala "frodi b'ghemil qerrieqi".

Illi f'**Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia u Ian J. Abdilla) vs Joseph Attard et** deciza nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) il-Qorti qalet hekk:

*Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin:-*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem li jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti ddelitt tat-truffa kull min:-*

*(a) b'mezzi kontra l-ligi; jew*
*(b) billi jaghmel uzu t'ismijiet foloz; jew*
*(c) ta' kwalifiki foloz; jew*
*(d) billi jinqeda b'qerq iehor; u*
*(e) ingann; jew*
*(f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz; jew*
*(g) ta' hila;*
*(h) setgha fuq haddiehor; jew*
*(i) ta' krediti immaginarji; jew*

*(j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

Fis-sentenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u hamsa u sebghin (1975) moghtija mill-Qorti Kriminali komposta minn tlett Imhallfin fil-kawza **Rex vs Victorio Azzopardi** (Vol. XXIX – IV – p.398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn Chaveau et Helie u anke minn sentenzi tal-Qorti ta' Kassazzjoni ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju li biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu mpjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. F'dik il-kawza ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina versus Giuseppe Galea** tat-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elf tmien mija u sebgha u tmenin (1887) fejn gie stabbilit illi:

*"che per costituire la frode sotto la disposizzione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessaria la concorrenza fi ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti."*

Dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna fejn senjatament l-Imhallef W. Harding fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elf disgha mija u erbgha u erbghin (1944) in **Il-Pulizija vs Nikol Bonnici** qal

*"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha..... waslet ghal konkluzjoni illi hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck deciza fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi "quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falsa, ma richiede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed e' neccessario quindi che la falsita' assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto e dalla fede."*

Illi fil-kawza **Il-Pulizija versus Carmelo Cassar Parnis** deciza fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u disgha u hamsin (1959) il-Qorti rriteniet illi:

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskritittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera w b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu, affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Il-Ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-Dritt Franciz mise en-scene."*

L-istess interpretazzjoni giet adoperata fil-kawza **Il-Pulizija vs Schreiner** deciza fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u sitta u hamsin (1956) u fil-kawza **Il-Pulizija vs Gerald Portelli** deciza fis-sebgha (7) ta' April tas-sena elf disgha mija u sitta u hamsin (1956) fejn gie ritenut illi kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun, fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo:

*"... element essenzjali fir-reat tat-truffa hija l-konsenja tal-oggett u fizzmien meta l-imputat kien qed jipprova jikkonvinci lil Busuttil li mhux ser ikun hemm problemi dwar hlas li kien diga' dovut minhabba li kien qieghed jistenna flus biex jithallas minghand haddiehor, il-konsenja diga' saret".*

Illi fl-ewwel lok jibda biex jinghad illi l-Ufficjali tal-Pulizija *a tempo vergine* kelmu lill-parti leza Miriam Rodriguez Quintero minhabba r-rapport illi kienet ghamlet fejn. Illi l-istess parti leza xehdet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn bazikament ikkonfermat b'xi tibdil il-verzjoni moghtija *a tempo vergine* lill-Pulizija. Illi l-Prosekuzzjoni bazikament ibbazat principarjament il-kaz taghha biss fuq il-verzjoni moghtija mill-allegat vittma minghajr ma kwazi ressqet l-ebda tip ta' prova ohra. Illi fil-fatt, l-esponent umilment jirrileva illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' xhieda ohra illi possibilment setghu jghinuna sabiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi dan ifisser allura illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi sostanzjali fil-kaz odjern biex forsi tipprova l-kaz taghha u ghazlet illi tibqa' biss fuq il-verzjoni tal-allegat vittma liema verzjoni tikkuntrasta ferm mal-verzjoni moghtija mill-esponenti fl-istqarrija tieghu illi rrillaxxa lill-Ufficjali tal-Pulizija. Illi dan ifisser ghalhekk illi jezisti anke tali kunflitt ta' provi minhabba illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi sufficjenti illi jwasslu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista' telimina tali kunflitt u tasal ghall-fatt illi l-appellant ikkometta frodi. Illi fil-fatt, il-verzjonjiet tal-allegat vittma u tal-esponenti jikkuntrastaw ma' xulxin u huma dijametrikment opposti u ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata b'kunflitt qawwi ta' provi.

Illi l-appellant jirrileva illi l-prova principali illi kellha tingab fil-kaz ojdern kienu l-flus iffalsifikati gol-kaxxa liema kaxxa izda allegatament intremiet mill-parti leza. Illi l-appellant umilment jikkontendi illi kif jista' jkun illi prova bhal din intremiet mill-parti leza u/jew ghallinqas ma gietx mitluba mill-Ufficjali tal-Pulizija sabiex tigi mizmuma u ppreservata minnhom stess. Illi inoltre l-appellant jirrileva illi bejnu u bejn il-parti leza kien hemm relazzjoni bhala hbiberija bejniethom liema hbiberija wasslet biex iz-zewg partijiet jafdaw lil xulxin. Illi izda nonostante dan kollu u nonostante l-hbiberija l-parti leza lanqas biss ghamelt xi forma ta' ricevuta illi rceviet dawn il-flus biex turi illi kienet sellfitlu dak l-ammont. Illi inoltre lanqas biss sahansitra gabet xi prova dokumentarja (bhal bank statements) ta' minn fejn gabet il-flus il-parti leza. Illi allura l-appellant jsaqsi hemm prova bizzejjed illi fil-verita' hija selfet dan l-ammont ta' flus?

Illi inoltre l-appellant jirrileva illi l-parti leza ma ssemmi xejn rigward il-fat jekk hu kienx se jaqla' xi ammont ta' flus minn tali operazzjoni. Fis-sens, l-appellant kien se jaghmilha ghal xejn u ghall-ebda raguni? Kien se joqghod jaghmel dan l-ezercizzju kollu sempliciment biex jghin lilha?

Illi l-Qorti qisu tibbaza fuq il-fatt illi fl-istqarrija tal-imputat huwa ammetta bla tlaqliq li kien ingahta €15,000 minghand il-parte leza "Yes she did give me the sum of €15,000....I will give them back to her in about one month's time." Illi dan wahdu ma jfissirx illi sar frodi ghax l-appellant sempliciment qal illi inghata dik is-somma tal-flus imma dejjem cahad illi pprova jiffroda. Illi sabiex jirrizulta l-frodi ikunu jigu pruvati affarijiet ben oltre dak mistqarr mill-appellant fl-istqarrija tieghu ghax dan seta' fl-istqarrija tieghu kien qed jirreferi illi tathomlu bhala rigal, jew selfithomlu izda ma jfissirx illi kien iffrodaha.

Illi dan ifisser ghalhekk illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lill hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha fic-cirkostanzi ma ssibx lill-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**<u>It-Tieni Akkuza</u>**

Illi t-tieni akkuza illi jinsab akkuzat biha l-appellant tirreferi ghar-reat tal-approprazzjoni indebita kontemplati taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghaxdex) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Saliba:

*"Ir-Reat tal-Approprazzjoni Indebita.*

*Illi l-approprjazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm lartikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa ex officio mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tal-persuna akkuzata.*

*"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu l-haga cioe' japproprja ruhu minnha, jew ibiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor" (Il-Pulizija vs Marbeck Cremona - Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – 15/02/2007).*

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali flismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dana ir-reat.

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku;(sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

*Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqslikieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.*

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale,Vol. 1, p. 276)*

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana r-reat:

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' lapproprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...".*

*Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija lpersuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi finalment dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana r-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghassentenza Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett taddolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un*

*terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita' e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di element intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Herbert Cassar intqal:

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-awtur Maino (Commento al Codice Penale Italiano Vol. IV para 1951 pg 103) fejn l-awtur jikkumenta dwar l-artikolu 417 tal-Kodici Penali Taljan li huwa simili hafna kwazi kelma b'kelma ghall-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.*

*Il-Maino jghid "l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo." Ikompli jghid "la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo." Maino jirriferi ghallawtur Carrara "la*

*criminosita' incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche contro la volonta' del padrone) alla causa precedente che era legittima perche non dissentita ........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e' usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe' se ne e' usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra' appropriazione indebita".*

*Il-gurista Maino jkompli jghid "al trove lo stesso autore ("il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ......."*

Illi mill-esposizzjoni legali tal-elementi mehtiega dwar ir-reat tal-misapproprazzjoni jidher illi dana r-reat huwa bbazat fuq l-abbuz tal-fiducja li tkun giet fdata lill-agent. Dana l-abbuz jissarraf fil-fatt illi l-agent idawwar oggett li jkun gie fdat lilu ghal ghan specifikat f'uzu differenti minn dak patwit tal-oggett ikkonsenjat, liema uzu divers madanakollu jrid ikun sar b'mod intenzjonali mill-agent bl-ghan li jaghmel profit minnu ghalih innifsu. Dana l-agir minn naha tieghu ma jridx jammonta ghal semplicement uzu taloggett, izda l-agent irid iqis illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih. Illi ghalhekk mill-provi kif prodotti jirrizulta b'mod car illi din l-imputazzjoni ma tirrizultax stante illi m'hemm l-ebda provi fl-inkartament kriminali illi l-appellant kien se jdawwar bi profitt l-ammont allegatament moghti lilu mill-parti leza. Illi fi kliem iehor, element essenzjali ghar-reat in kwistjoni huwa l-fatt illi l-Prosekuzzjoni tkun trid tipprova illi l-akkuzat se jaghmel profitt minn tali approprazzjoni indebita liema prova hija mankanti fil-proceduri odjerni stante illi mill-istqarrija tal-appellant ma jirrizultax x'kien se jaghmel bihom il-flus.

Illi dan ifisser ghalhekk illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lill hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha fic-cirkostanzi ma ssibx lill-appellant hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**B. Piena Erogata**

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' l-piena ta' tletin (30) xahar prigunerija effettiva hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> *"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza wkoll ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la

darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, <u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: "Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura

ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Illi fid-dawl ta' dan issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** datata 28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Ghalhekk il-pieni moghtija mill-Qrati taghna fil-kwalita' u kwantita' taghhom ghandhom joholqu bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi fil-kaz odjern inoltre jigi rilevat illi l-appellant huwa bniedem ta' fedina penali netta, huwa bniedem illi min mindu tressaq b'arrest huwa baqa' taht arrest stante illi huwa barrani u m'ghandu lil hadd li jaf hawn Malta u ghalhekk ma setax jinghata l-helsien mill-arrest u ghalhekk fic-cirkostanzi jekk din il-Qorti thoss illi l-appellant ghandu jinstab hati huwa diga' skonta diversi xhur prigunerija.

Illi fil-kaz ojdern minhabba n-natura tal-kaz in kwistjoni jekk din l-Onorabbli Qorti thoss illi ghandha ssib htija fl-esponenti piena ta' prigunerija effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi u din il-Qorti ghandha thares lejn modi alternattivi ta' pieni fosthom sentenza sospiza u dan fid-dawl tal-fatt illi l-pieni moghtija mill-Qrati taghna fil-kwalita' u kwantita' taghhom ghandhom joholqu bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Ikkunsidrat,

L-appellanti iressaq il-kritika tieghu fil-konfront tad-decizjoni impunjata billi jilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-provi li kien hemm fl-atti meta jishaq illi dawn il-provi ma kenux jilhqu dak il-grad mehtieg fil-kamp penali li fuqu tistrieh ir-reita'. Jilmenta ukoll illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-fedina penali ta'l-appellanti hija nadifa u li kellha tkun wahda li tohloq bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tal-hati.

Premessi din l-impunjattiva mressqa 'il quddiem mill-appellanti, huwa evidenti illi dak li fl-ewwel lok qed tigi imsejjha biex taghmel dina l-qorti ta' revizjoni huwa li tissindika dik id-diskrezzjoni fdata lill-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni li hija ghandha taghmel tal-provi. Qajla ghandha ghalfejn din il-Qorti terga' ittenni illi tali diskrezzjoni ghandha tigi iddisturbata biss fejn jista jigi riskontrat errur gravi ta' gudizzju fid-decizjoni impunjata li tista' twassal ghal ingustizzja fil-konfront tal-persuna akkuzata. Dan l-element guridiku gie affermat *funditus* u kemm il-darba mill-qrati fi stadju ta' revizjoni. Illi din il-Qorti madanakolllue zaminat mill-gdida l-inkartament gudizzjarju ta' dan il-kaz sabiex tfittex jekk dan l-errur fil-gudizzju tal-Ewwel Qorti huwiex riskontrat fl-apprezzament minnha maghmul tal-provi.

Illi mill-atti jemergi illi l-akkuzi li qed jiffaccja l-appellanti u cioe' dawk tal-frodi u tal-approprjazzjoni indebita iduru madwar ghotja ta' flus fl-ammont ta' 15000 ewro mill-parti leza lill-appellanti bil-wieghda illi dawn setghu jigu imkattra minnu. Illi l-appellanti holoq storja sostnuta anke b'artifizji u raggiri permezz ta' allegata kaxxa u inka sewda bhala ghodda li kellha tintuza ghat-tkattir ta' dawn il-flus. Il-parti leza giet ingannata mill-appellanti u dahhlet b'ingenwita kbira, fil-fehma ta' din il-Qorti, sabiex tibla' dina l-istorja x'aktarx inkonsapevoli tal-fatt illi dak li kien qed jigi lilha issugerit mill-appellanti kien ghal kollox illegali u illecitu. L-appellanti fil-fatt jonqos milli jikxef l-identita vera tieghu mal-parti leza u jaghtiha isem falz. Hekk kif tghaddielu l-flus l-parti leza titlef kull kuntatt mieghu meta dan jisparixxi bihom.

Illi din il-Qorti ma tarax illi ghandha toqghod tinoltra ruhha fl-elementi legali li isawwru iz-zewg akkuzi u cioe' ir-reati tal-frodi u ta'l-approprjazzjoni indebita billi hemm esposizzjoni guridikament impekkabbli kemm fid-decizjoni impunjata kif ukoll fir-rikors ta'l-appell ta'l-imputat.

L-appellanti minn naha tieghu fl-istqarrijiet minnu rilaxxjata lill-pulizija meta jigi interrogat ma jichadx illi huwa gie moghti l-ammont ta' €15000 mill-parti leza, izda isostni illi dawn kien bi hsiebu irrodhomlha lura. Lanqas ma jichad illi fl-inkontri li kellu mal-parti leza huwa taha isem falz u ma zvelax il-vera identita tieghu. Ma jaghtix ir-raguni, izda, li wassal lil Miriam Rodriguez Quintero tghaddielu dawn il-flejjes.

Issa sabiex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.

Issa mix-xhieda ta' Rodriguez Quintero ma hemmx dubbju illi l-artifizji u ir-raggieri kienu prezenti tant illi din wasslet biex kagun ta' dak li wieghda l-appellanti hija sofriet telf patrimonjali. L-appellanti ghamel dan biex jikseb profit billi hekk kif dawn il-flus gew f'idejh huwa sparixxa minghajr ma halla l-ebda kuntatt, tant illi l-parti leza tilfet il-komunikazzjoni mieghu u kellha finalment tirrikorri ghand il-pulizija.

***"…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….[1]"***

Kwindi stabbiliti l-fatti probatorji u abbinati mat-taghlim gurisprudenzjali, din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida li tista' iggieghlha titbieghed mil-fehma milhuqa mil-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellanti hati tal-akkuza tal-frodi.

Maghdud dan, madanakollu l-Qorti tqies illi *una volta* stabbilit illi l-appellanti bl-uzu ta' raggiri u artifizji gieghel lill-parti leza tizvesti ruhha minn ammont sostanzjali ta' flus b'tali mod illi hija giet ingannata, ma jistax jinghad allura illi hemm ukoll l-elementi li isawwru r-reat tal-approprjazzjoni indebita. Dan ghaliex fil-kummissjoni ta' dan l-ahhar reat huwa nieqes l-element ta'l-ingann fis-sens illi it-trasferiment tal-pussess tal-oggett mobbli mis-suggett passiv ghas-suggett attiv tar-reat ikun sar ghal ghan specifiku in forza ta' ftehim bejn dawn t-tnjen minn nies, izda l-awtur tar-reat minflok li jaghmel uzu ta' dak l-oggett mobbli ghal ghan specifikat fil-kuntratt milhuq bejn il-partijiet, japproprjah ghalih innifsu daqslikieku kien is-sid u bi vjolazzjoni ta' dak il-kuntratt jaghmel uzu divers minnu sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu. Issa f'dan il-kaz ghalkemm huwa minnu illi l-parti leza ghaddiet il-flus lill-appellanti ghal ghan specifiku, madanakollu hija giet indotta taghmel dan b'ingann u cioe' bl-uzu ta' raggiri u artifizji li permezz taghhom l-appellanti gieghlha temmen illi huwa seta ikattrilha l-flus li ghaddietlu, sabiex b'hekk il-kunsens taghha kien

[1] 22 ta' Frar 1993, AppKrim Il-Pulizija vs Charles Zarb

wiehed ivvizzjat minhabba l-uzu tar-raggiri frawdolenti mill-awtur, kuntrarjament ghal dak li jsehh fil-kaz tal-misapproprjazzjoni.

Mhux biss izda ukoll l-Prosekuzzjoni fil-kaz tar-reat tal-misapproprjazzjoni trid necessarjament tipprova illi l-awtur tar-reat ghamel uzu divers mil-flus minn dak li ghalih kienu gew fdati lilu. Tali prova ma saritx. L-appellanti fl-istqarrija tieghu jammetti li huwa ghandu fil-pussess tieghu il-flus mghoddija lilu mill-parti leza, izda ma hemm l-icken prova dwar x'uzu seta' ghamel minn dawn il-flus ghajr illi dawn zammhom ghalih. Illi fil-fatt fid-decizjoni Il-Pulizija vs Edwin Petroni et iccitata superjorment mil-Ewwel Qorti hemm mghallem illi:

***"Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita jiddistinwgi ruhu .... ukoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent."***

***"L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.[2]"***

***"Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann.***

***Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu.***

***Ghalkemm minhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezzjoni tad-dritt tal-proprjeta', jew dritt iehor reali, minghajr il-***

---

[2] Il-Pulizija vs Joseph Muscat – App.Inf. (03/03/1997)

***vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio".***"[3]

Stabbilit allura illi l-fattispecje ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom perfettament fir-reat tat-truffa, stabbilit ukoll illi r-reat ta'l-approprjazzjoni indebita huwa nieqes l-element ta'l-ingann u tal-frodi kwindi gjaldarba l-Ewwel Qorti sabet htija ghar-reat aktar gravi tat-truffa, hija kellha tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza tal-misapproprjazzjoni billi din kienet akkuza alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti meta giet biex tinfliggi l-piena applikat id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali bl-assorbiment tal-piena ghat-tieni akkuza fl-ewwel imputazzjoni, madanakollu din il-Qorti tqies illi gjaldarba meta l-Ewwel Qorti giet biex teroga l-piena fil-konfront ta'l-appellanti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija u billi din il-Qorti ser tghaddi biex tirrevoka is-sejbien ta' htija ghat-tieni imputazzjoni u ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, allura hija tal-fehma li ghandu jkun hemm temperament fil-piena inflitta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell interpost, tghaddi ghalhekk biex tvarja d-decizjoni impunjata billi tikkonfermaha fejn instabet htija ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta'l-appellanti, izda tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni ukoll u minflok billi din it-tieni akkuza hija alternativa ghall-ewwel imputazzjoni tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess. Tirriforma ghalhekk l-piena inflitta billi minflok dik ta' tletin xahar prigunerija tikundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija.

Edwina Grima

Imhallef

[3] Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis – App.Inf. (12/12/1959)